# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## **Minuti**

## **Disa' Legislatura**

## ***Laqgħa numru 5***

***6.00p.m 24 t'Ottubru 2019***

### ***Preżenti***

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### ***Assenti b'apoloġija***

Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### ***Uffiċjal Preżenti***

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## *5.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

5.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li rċieva ittra t'apoloġija mill-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina minħabba li tinsab imsiefra. Il-Kunsilliera kollha qablu li tkun skuzata, il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda.

## *5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

5.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 4 kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

5.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Membri tal-Kunsill li eks-Kunsillier is-Sur Frank Zammit, li huwa l-Ambaxxatur ta' Malta għas-Santa Sede, nfurmaħ li nhar l-ewwel ta' Diċembru ser ikun fost il-poplu Marsi l-Cardinal Bertoni fil-Paroċċa ta' Marija Reġina fejn ser tkun qed tiġi ċċelebrata Quddiesa fil-preżenza tiegħu. Filwaqt li talab biex kull min jista' jattendi għal din l-okkazzjoni unika jagħmel dan, is-Sindku xtaq ukoll li l-Kunsill jagħtiħ tifkira f'isem il-Kunsill Lokali kollu.

5.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul dawn l-aħħar ġranet ġie avviċinat min resident sabiex flimkien mall-Iscouts tal-Lokal issir ċerimonja zgħir b'tifkira għall-Marsin li mietu fil-gwerra. Din l-attivita' hija ppjanata għall-1 ta' Novembru fl-10 ta' filgħodu. Is-Sindku xtaq li għal din l-attivita' l-Kunsill joffri bukkett fjuri li jitqiegħed b'rispett lejn dawn il-persuni.

5.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li min Lulju l-hawn sar ħafna xogħol mill-amministrazzjoni tal-Kunsill sabiex jinstab kuntrattur biex jagħmel il-hot tarmac biex jiġu rranġati ħofor fil-lokal. Madanakollu, s'issa kull tentattiv safa fix-xejn u għalhekk is-Sindku talab biex jekk xi ħadd mill-Kunsill ikun jaf xi kuntrattur li lest li jagħmel dan ix-xogħol jinfurmana.

5.3.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li nhar il-Ħadd li ġej fis-27 t'Ottubru ser issir tifkira ta' meta waslet il-vara tas-Ssma Trinita' fil-Marsa. Kulħadd huwa mistieden biex jattendi għalkemm ma kienx hemm xi stedina formali lill-Kunsill għal din l-attivita'.

5.3.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ried jgħid kelmtejn fuq il-programm Snapshot on the Borders. Huwa qal li l-Kunsill u l-għaqda non-governattiva qed jaħdmu flimkien fuq dan il-programm u dejjem kien hemm ħidma kollaborattiva bejn iż-żewġ naħat. Madanakollu, dak li deher fil-midja inkiteb mill-Kopin u kien f'dan il-każ fejn is-Sindku ma ġiex infurmat bil-kontenut.

Il-Kopin fehmu din iċ-ċirkostanza u fil-kumplament tal-programm ser ikomplu jaħdmu id f'id mall-Kunsill fuq kull materjal li ser ikun qed jiġi mogħti lill-mezzi tax-xandir.

## *5.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

5.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri talab update fuq l-isleeping police fi Triq San Frangisk, fuq ħofra fi Triq il-Ġerrejja, trinka li hija mingħajr tarmac fi Triq Assunta u l-lista ta' reserved parking spaces. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-isleeping police ġew ordnati, l-ħofor kolla ser ikunu qed jinlew bis-soft tarmac u l-lista tar-reserved parking hija f'idejna. Madanakollu dwar it-trinka minħajr tarmac il-Kunsill ser ikun qed jinvestiga l-kaz sabiex l-entita' li kienet responsabbli dwara tagħtiha kisja tarmac kif suppost.

5.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ressaq ritratti fuq il-medja tal-Kunsill dwar skart fi Triq Isouard ta' bulky refuse u skart fi Triq il-Pitkali. Huwa nforma lis-Sindku li jekk għandhux informazzjoni dwar ħajt li waqa' fit-telgħa ta' ħdejn il-Knisja. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-iskart fi Triq Isouard ser ikun qed jieħdu lura sidu li ġie kkuntattjat, dwar Triq il-Pitkali l-Kunsill ser ikellem il-kuntrattur u dwar il-ħajt din hija privata pero l-Pulizija huma infurmati u diġa' kellmu lis-sid.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono daħal fis-seduta fis-6.30p.m

5.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li matul din il-gimgħa kellu laqgħa mad-Direttur tal-Parks fejn saħaq li hemm il-qbil li x-xogħol fuq Ġnien Belvedere jibda mingħajr dewmien. Huwa qal ukoll li huwa għamel komunikat mall-Perit sabiex ikun hemm 'schedule of works' sabiex il-proġett jibda. Is-Sindku is-Sur Josef Azzopardi rringrazzja lill-Kunsillier ta' din l-update.

5.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li matul dawn l-aħħar ġranet sar magħruf li l-Ministru tal-Ambjent l-Honorevoli Jose' Herrera għamel '*Memorandum of Understanding'* mall-Iscouts tal-Marsa sabiex il-kmamar li ilhom għal żmien twil maħsuba mill-Kunsill għal dar tal-anzjani, jkunu tal-Iscouts. Madanakollu, l-Kunsillier spjega li l-arloġġi tad-dawl huma tal-Kunsill għaliex id-dawl jitħallas mill-Kunsill u għalhekk il-kmamar ma jistgħux ikunu tal-Isouts. Kien hawn li bdiet diskussjoni dwar din it-tema.

5.4.5. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer saħaq li l-Kunsill nefaq ħafna flus fuq il-pjanti għad-dar tal-anzjani u qal li mhux ser tkun qed tagħmel sens li l-Kunsill jitdol bi sħab mall-Ministeru sabiex jirranġa ġnien li l-art mhix tiegħu. Il-Kunsillier talab sabiex il-pjanti tal-proġett tad-dar tal-anzjani ikunu trasferiti fuq il-post fejn attwalment jużaw l-Iscouts u li m'huma propjeta' ta' ħadd. Is-Sindku is-Sur Josef Azzopardi qal li din tista' tgħaddi bħala mozzjoni sakemm ikun hemm sekondant. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li huwa lest ikun hu s-sekondant.

Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace daħal fis-6.50p.m

5.4.6. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qara' l-mozzjoni "Jekk l-art tal-area tal-kmamar ma tgħaddix għand il-Kunsill, sa fejn nafu fuq il-midja soċjali ingħataw MoU lill-Isouts, f'dik l-eventwalita', l-Kunsill ikellem il-Perit Tiegħu biex il-pjanti tad-dar tal-anzjani li kien sar għal dik l-area jiġu emendati għal area tan-naħa ta' fuq li tmiss ma Zerafa Street, fejn hemm kmamar oħra li sall-lum għadhom jintużaw mill-Iscouts bil-permess tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Francis

Debono ssekonda u l-vot huwa mqassam hekk; il-Kunsillier is-Sur Francis Debono, s-Sur Dominic Spencer u s-Sur Joseph Lia vvutaw favur, is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi vvota kontra u l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri u l-Kunsillier is-Sur Colin Pace astjenew. Il-Mozzjoni għaddiet b'maġġoranza ta' voti favur.

5.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace nforma lill-Membri tal-Kunsill li ser ikun hu li ser jagħmel finanzjament t'erbgha CCTV cameras fiż-żona tal-korsa, u li wara li jinxtraw ser ikun qed jagħtihom lill-Kunsill sabiex l-LESA tagħmel is-solveljanza taż-żona fil-parametri kollha li ttiha l-liġi. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rringrazzja lill-Kunsillier ta' din l-għotja sabiex tikber is-sigurta' fl-akwata. Wara diskussjoni ġie miftiehem li l-ammont ta' cameras għandhu jiżdied u jinkludu apparti dawk mifthema f'seduta oħra, fi Pjazza G.F Abela u fi Triq San Bernard. B'hekk is-Sindku talab sabiex is-Segretarju Eżekkuttiv joħrog fis-suq e-quote mis-sistema eletrronika ePPS sabiex jinstraw dawn il-cameras. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *5.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

5.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 09/2019 annessa. Wara li ħadd mill-membri l-oħra preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *5.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

5.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Amministratur ta' The Meeting Place wera' x-xewqa li jiltaqa' mall-Kunsill biex jiġi diskuss kif iż-żewġ partijiet jistgħu jikkoperaw u semma diversi proposti li jistgħu jiġu' diskussi. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur li ssir din il-laqgħa kien wieħed unanimu.

5.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Marsa Scouts Group qed tistaqsi jekk il-Kunsill għandhux il-ħsieb li jorganizza xi attivita' għal Jum il-Marsa. Huma lesti li jieħdu sehem fl-attivita'. Is-Sindku qal li din it-tema ser tkun qed tiġi diskussa fl-laqgħat oħra meta tittella' fuq l-agenda l-attivita' ta' Jum il-Marsa.

5.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Marsa FC Youth Nursery qed titlob għajnuna biex jinxtraw trophies għal waqt il-Christmas tournament tan-Nursery għal prezz ta' €225. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

5.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li residenta Marsija qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill sabiex tikri s-sala tal-Kunsill biex isisru xi provi għaż-żfin tal-Karnival. Il-grupp ser ikun ta' madwar 35 persuna. Wara diskussjoni ġie miftiehem li minħabba li l-Kunsill ma jkollox min jiftaħ ser ikun ser jirrifjuta li s-sala tiġi użata. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer irrimarka li jekk il-ħaddiem tal-Kunsill jiftaħ wara il-ħin tax-xogħol irid ikun imħallas bir-rata tax-xogħol. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

5.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Amministratur ta' The Meeting Place staqsieħ dwar x'ser jagħmel mit-tazzi u l-frames li kienu propjeta' tal-Marsa Boċċi Club u li huma sabu fil-post fejn illum għandhom il-premises tagħhom. Il-Kunsilliera qablu li dawn għandhom jingħataw lill-Għaqda Storika u Kulturali tal-Marsa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

5.6.6 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li hemm nominazzjonijiet għal Premju Soċjeta' Ġusta 2019 qegħdin jiġu milqugħa sa nhar il-Ġimgħa 15 ta' Novembru 2019. L-għan ta' dan il-Premju huwa sabiex jiġu ċċelebrati l-kisbiet ta' individwi u organizazzjonijiet li jappoġjaw id-drittijiet tal-Persuni b'disabilita'. Il-Kunsillier is-Sur Dominic qal li jixtieq li l-Kunsill jinnomina persuna partikolari li ħa sehem fl-Ispecial Olympics. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

5.6.7 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Kunsill li l-Malta Racing Club għaddiet xi proposti lill-Kunsill sabiex jiġu kkunsidrati minħabba s-sigurta' ta' Triq it-Tigrija. Dawn il-proposti nqraw u ser ikunu effettivament diskussi fil-laqgħat li l-Kunsill ser ikollu ma Transport Malta.

5.6.8 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Storika u Kulturali Marsa ser torganizza taħdita bl-isem 'Il-Bidla fil-Klima li ser tiġi ppreżentata mis-Sinjorina Mary Attard. Id-data li ffissa l-Kumitat hija nhar il-Ġimgħa 15 ta' Novembru fis-6.30p.m. Huma ser ikolhom bżonn li jużaw projector u peress li l-Kunsill m'għandhux ser ikun qed jieħu ħsieb li din tinxtara għall-użu tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

5.6.9. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi informa lill-Membri tal-Kunsill li l-Għaqda Festi Esterni Trinita' Qaddisa qed tissuġġerixxi li minflok jintrama iz-zuntier tal-Knisja peress li huwa post privat, l-armar tal-Milied isir fi Triq San tumas fil-parti li ma tintramax mill-kuntrattur. Ritratt tad-disinji ġie ppreżentat lill-dawk preżenti. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

5.6.10 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Marsa Trinity A.F.C. qed tistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat li jirreklama fuq il-kalendarju li l-ammont tiegħu huwa ta' €100. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

.

## *5.7 Quarterly Financial Report Q3*

5.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekkuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert sabiex jagħti rendikont tal-andament finanzjarju tal-Kunsill Lokali matul it-tielet kwart tas-sena 2019 jiġifieri bil-figuri finanzjarji li jkopru mill-1 ta' Jannar sall-aħħar ġurnata ta' Settembru. Il-Kunsill Lokali matul dan il-perjodu rreġistra telf ta' madwar €44,000 li huwa inqas mit-telf irregistrat fit-tieni kwart ta' din is-sena. Apparti dan il-Kunsill għadu ma rċeviex l-ammont ta' €63,000 dovuti mill-fondi UIF. B'hekk huwa ferm possibli li jekk dawn il-fondi jingħataw sall-aħħar ta' din is-sena l-bilanċ tal-Kunsill ikun wieħed pożittiv. Sal-aħħar ta' sena 2019 m'hemmx ippjanati proġetti kapitali. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwat li l-vot favur kien unanimu. Ir-rapport finanzjarju ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekkutiv rispettivament.

.

## 5.8. Ismijiet ta' Toroq fil-lokalita'

5.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Kunsill li wara diskussjonijiet li kienu miftuħa għall-Membri kollha tal-Kunsill flimkien mall-membri tal-Kummissjoni għat-Tismija tat-Toroq kien hemm suġġerimenti għal tibdil fit-toroq li ġejjin; minflok Triq it-Tiġrija fejn il-BOV ġie ssuġġerit li tissemma Triq Anton Cassar; biex tissemma triq bla isem k/m Maltapost bħala Triq l-Isqof Francis Baldacchino; biex tissemma triq bla isem li tibda minn fejn iċ-ċimiterju tat-Torok u tibqa' sejra fil-konfini ta' Ħal Luqa bħala Triq Emmanuele Luigi Galizia. Li tissemma triq ġdida fi Triq is-Serkin bħala Triq In-Nagħal u triq ġdida fi Triq il-Qaddiefa bħala Triq San Piju ta' Pietralcina; biex tissemma triq bla isem (parallela ma' Triq Diċembru 13) bħala Triq il-Warda tax-Xemx. Il-Kumitat iħoss li l-ġnien li hemm biswit il-Kunsill għandu jissemma 6 ta' Awwissu b'mod uffiċjali u t-trejqa biswit tiegħu bħala Trejqa Dom Mintoff; ġie miftiehem ukoll biex titneħħa tabella antika (Spencer C) minn ġo Triq il-Ħaddiem. Wara li ħadd mill-Membri preżenti ma kellu oġġezzjonijiet, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ħareġ mis-seduta 7.20p.m.

## 5.9 Deċiżjoni dwar ħlasijiet dovuti lill-kuntrattur tal-bini tal-Kunsill

5.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill irċieva ittra legali għan-nom ta' C&F Building Contractors Limited, li huwa l-kuntrattur li kien għamel xogħolijiet fuq il-bini tal-Kunsill lura fl-2014 u li qed jitlob l-ammont ta' madwar €22,509. Peress li sar xogħol ħażin fuq l-invjar tal-ħitan ta' barra, l-Kunsill ta' dakinhar kien iddeċieda li l-kuntrattur ma jitħallasx tax-xogħol li kien għamel. Is-Sindku qal li wara li rċieva l-ittra legali huwa nforma lill-perit tal-Kunsill sabiex isir rapport tax-xogħol li sar u l-materjal l-intuża, u x'inhu dak il-materjal u xogħol li huwa relatat mall-invjar u dak li mhuwiex. B'hekk il-materjal u x-xogħol li nħadem mhux fuq l-invjar ikun jista' jitħallas filwaqt li dak ix-xogħol li huwa relatat mall-invjar jibqa' ma jitħallasx. Wara li ħadd mill-Membri preżenti ma kellu mistoqsijiet il-Kunsillier is-Sur Joe Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## 5.10 Rranġar ta' ċint fi Ġnien 6 t'Awissu

5.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex jiġu rranġati ċnut fi Ġnien 6 t'Awissu li sarilhom xi ħsarat. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *5.11 Laqgħa Pubblika*

5.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Membri tal-Kunsill li kif titlob il-liġi tal-Kunsill Lokali f'Kap 363 3A il-Kunsill huwa mitlub isejjaħ lir-residenti tal-lokal għall-laqgħa pubblika bil-għan li jkunu jafu l-pjan tal-ħidma tal-Kunsill għal din il-leġislatura. Id-data mressqa hija għat-12 ta' Novembru fis-7.00p.m fil-bini amministrattiv tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *5.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

5.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8.30pm u ġiet aġġornata għall-21 ta' Novembru fis-6.00pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |